# Tixbih Fonetiku

It-tixbih fonetiku li ser insemmi bejn il-Malti u ilsna oħra huwa tixbih aċċidentali; jiġifieri tixbih li nsibuh f'ilsna li ma' għandhomx x'jaqsmu ma' xulxin. Sa hawn biss aċċidentali għax imbagħad il-fenomenu fonetiku jista' jkun qed jobdi l-istess liġi fonetika.

Ix-xebħ tal-

Il-Likwidi fil-Malti Rumanz u fl-"Old English."

(a) Fl-*Old English*

il-ħsejjes *f, s, th* (fil-kelma Ingliża "thick") u *th* (fil-kelma Ingliża "that) meta jaħtbu bejn żewġ vokali u waħda mill-konsonanti likwidi jew nasali minn "voiceless" isiru "voiced". Fil-Malti Rumanz, fost kliem qadim missellef mill-Isqalli nsibu x'uħud li meta fil-lingwa oriġinali għandhom konsonanti

likwida fl-istess sillaba jew sillaba diversa, il-konsonanti ta' bla leħen (*voiceless*) qabilha jew warajha titleħħen, jiġifieri ssir *voiced*.

*Eżempji mill-Old English:—*

O. E. *ofer* (over) tinqara "over/; *efne* (*even*) tinqara "evne"; *faelsian* (*to purify*) tinqara "faelżjan; haesel (hazel) tinqara "*haeżel*, *faethm* (*fathom*) tinqara bit-*th* imleħħna bħal fil-kelma *then*.

*Eżempji mill-Malti Rumanz:—*

Taljan "cardell + (ino) fil-Malti ssir "gardell"; jiġifieri "k" tinbidel f'*g* mħabba l-konsonanti likwida *r*. U għall-istess raġuni l-kelma Taljana "cameo" ssir "gamew" fil-Malti; "condotto" ssir "gandott", Sqalli "panduliari" ssir "bandal". Imma fi kliem Rumanz missellef fi żmien iżjed 'il hawn dan it-tibdil ma baqax jsir. Hekk Taljan "cardinale" saret "Kardinal" u mhux "gardinal"; "tarka" baqgħet "tarka" u ma saretx "targa" eċċ.

(b) Fil-Malti għandna r-regula fonetika li meta konsonanti tal-ħoss (*voiced*) tiltaqa' ma' oħra ta' bla ħoss (voiceless) l-ewwel waħda titlef il-ħoss tagħha skond il-Formula fonetika tiegħi V+B=B. Regula oħra fonetika tal-Malti hi li konsonanti tal-ħoss li jaħbtu fl-aħħar tal-kelma jitilfu l-ħoss jiġifieri jinbidlu f'seħbithom ta' bla ħoss.

Fil-Ġermaniż insibu eżempji li jaqblu mal-Malti. Nagħtu eżempju mill-ewwel regula. Fil-Malti *b* hija konsonanti tal-ħoss (*voiced*) u *t* ta' bla ħoss (*Voiceless*); għalhekk *bt=pt* Eż: *btieħi* tinqara *ptieħi*. Fil-Ġermaniż il-konsonanti *d* tinqara *t* fil-kelma Mädchen (tifla) u tinqara *t* ukoll għax, bħal fil-Malti qiegħda fl-aħħar tal-kelma, f'*rad* (rota). "G" tinqara "k" fil-kelmiet *jagd* (jakt) għax *d* li taħbat fl-aħħar titlef leħenha u ttellef dak ta' g. Tinqara wkoll "k" għall-istess raġuni fil-kelma "Talg" "g" (talk).

MISTRIEĦ. Naħseb li mhux kulħadd jittendi li dil-kelma għandha żewġ funzjonijiet grammatikali. *Mistrieħ* hija jew (1) Nom. (Eż. Il-mistrieħ ifejjaq) jew (2) Aġġettiv. (Eż, Raġel mistrieħ jiflaħ għax-xogħol.) Fis-sentenza li ġejja *mistrieħ* tagħmel ix-xogħol ta' (1) Nom. u (2) Aġġettiv.

"Min ma jafx x'inhu *mistrieħ* (Nom) għax dejjem sejjer qatt ma jħoss ruħu *mistrieħ* (Aġġ.) BEAUSSIER fid-dizjunarju tiegħu jagħti żewġ forom. Jikteb in-nom mimmat mill-egħruq R.W.H. *Mustarâħ s.m. Lieux, Lieux d'aisance, commodités, latrine — Resting place, privy* (*HAVA*) *u mustarîħ "adj. v. Qui est à son aise, commodément, reposé*, Mustarâħ (nom) bil-Malti ssir "mistrieħ"; mustarîħ (aġġ.) issir mistriħ — distinzjoni ortografika li taqbel ma' dik grammatikali.